**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 26 ta' Frar 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 304/2018 JPG**
**Kawza Nru.: 16**

**SG**
**Vs**
**AL**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta-attur datat 23 ta' Novembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza.*

1. *Minn relazzjoni bejn il-kontendenti, f'X twieled tifel bl-isem, ta' ZG, li llum ghandu X snin u ghalhekk ghadu minorenni (Dok A);*

2. *Ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti illum intemmet;*

3. *Minkejja l-isforzi tar-rikorrenti, il-kontendenti naqsu milli jilhqu ftehim dwar l-ezercizzju tad-drittijiet u l-obbligi taghhom fil-konfront tal-imsemmi ZG, u dan biss sforz l-inkuranza tal-intimata versu l-ahjar interessi ta' binhom u ghaldaqsatant jehtieg l-intervent ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jigu*

*regolati l-istess drittijiet u obbligi;*

4. *Ir-rikorrenti gie awtorizzat jipprocedi f'din l-istanza in forza ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 19 ta' Novembru 2018 (ittra medjazzjoni numru) 1026/2018 u digriet numru 2552/2018) (Dok B);*

5. *Ir-rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*Raguni tat-Talbiet*

6. *Ghar-ragunijiet premessi, u peress illi l-medjazzjoni bejn il-kontendenti ma kellhix ir-rizultati mixtieqa, ir-rikorrenti ma kellu l-ebda ghazla ghajr illi jipprocedi kontra l-intimata f'din l-istanza.*

*Talbiet*

*Tghid ghalhekk l-intimata, 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa necessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti ghandu jigi fdat bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minorenni ZG u dan fl-interess suprem tieghu;*

2. *Tordna illi l-minorenni ZG jibqa' jirrisjedi permanentement flimkien mar-rikorrenti;*

3. *Okkorendo, tiffissa modalita' ta' access favur l-intimata, ghall-minorenni ZG, u dan dejjem tenut kont tac-cirkostanzi, filwaqt illi tiddikjara u tiddeciedi 'lli tali access ghandu, f'kull kaz, jigi ezercitat b'dik il-modalita' u gewwa lok u f'cirkostanzi idonei ghall-benessere morali u fiziku tal-istess minorenni;*

4. *Tiffissa retta alimentari dovuta lir-rikorrenti mill-intimata versu l-htigijiet tal-minorenni ZG, liema somma tkun tinkludi fiha u tkopri kontribut dovut mill-intimata versu l-htigijiet tal-minorenni ZG, liema somma tkun tinkludi fiha u tkopri kontribut dovut mill-intimata versu l-htigijiet edukattivi u medici*

*u versu l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minorenni u tordna lill-istess intimat ihallas dik ir-retta alimentari hekk kif stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti, u dan skont dawk il-modalitajiet illi din l-istess Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi, inkluz b'inkrement perjodiku fl-istess retta alimentari versu z-zieda fil-gholi tal-hajja;*

5. *Jekk kemm-il darba din l-onorabbli Qorti ma jdhrilhiex illi ghandha tilqa' ir-raba' talba, in kwantu din tikkoncerna l-inkluzjoni tal-htiegijiet edukattivi u medici u l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minorenni fis-somma illi din l-Onorabbli Qorti qieghda tintalab tistabbilixxi skont it-talba precedenti, tordna lill-intimata tikkontribwixxi separatament versu l-htigijiet edukattivi u medici u versu l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minorenni ZG u tordna lill-istess intimata thallas tali kontribuzzjonijiet skont dawk il-modalitajiet illi din l-Onorabbli Qorti jidrhilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi;*

6. *Tiddikjara u tiddeciedi illi kwalunkwe assistenza statli mhallsa versu l-htigijiet tal-minorenni ZG tibda tigi percepita mir-rikorrenti ad eskluzjoni tal-intimata.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata illi hija minn issa ingunta in subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur flimkien mad-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikat skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' AL datata 9 ta' Jannar 2019 a fol 13 et seqq., li taqra hekk:

***Eccezzjonijiet***

1. *Illi fl-ahjar interess tieghu, il-minuri ZG, iben il-kontendenti, ghandu jitrabba fil-kura tal-konvenuta ommu, salv tal-access tal-attur illi jigi ezercitat skont kif jigi ordnat mill-Qorti b'mod illi wkoll, il-minuri ma jibqghax jigi strumentalizzat mill-attur kif qieghed jigri llum. Il-konvenuta kienet bdiet hija stess il-proceduri tal-medjazzjoni biex it-trobbija tal-minuri tigi regolata bi ftehim bejn il-kontendenti u qeghda wkoll tressaq separatament kawza sabiex tigi fdata bil-*

*kura u l-kustodja tal-istess minuri. Meqjus daqshekk, it-talbiet kollha tal-attur ghandhom jigu michuda.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex l-komportament tal-konvenuta ma seta bl-ebda mod iwassal ghal biex il-konvenuta tigi mcahda mill-kustodja ta' binha. Anzi propju l-kontra huwa l-kaz, billi l-imgieba tal-attur minn dejjem kienet tali illi l-interazzjoni tieghu mat-tifel ghandha tkun ristretta u, jekk mehtieg, ikkontrollata;*

3. *Illi it-tieni talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex, kif inghid, m' huwiex fl-interess tal-minuri illi jkun principlament fil-kura tal-attur u mhux tal-konvenuta ommu. Inoltre, il-permanenza fl-affidament tal-kura ta' minuri ma hiex kontemplata il-Ligi;*

4. *It-tielet talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex, kif inghid, l-minuri ghandu jkun principlament fil-kura tal-konvenuta ommu. Inoltre, l-implikazzjoni f'dik it-talba illi tinhtieg l-intervent tal-Qorti biex il-konvenuta ma tressaqx lil binha lejn xi hwejjeg illi ma jkunux tajbin ghalih, hija offenziva u tinjora l-fatt illi kienet il-konvenuta illi ghal diversi snin rabbiet wahedha lill-minuri;*

5. *Ir-raba, il-hames u s-sitt talbiet huma opposti ghaliex impostati b' mod illi l-gudizzju mitlub fihom iwassal biss ghall-ordni gravanti lill-konvenuta. Madanakollu, l-konvenuta taqbel illi hemm lok ghall-intervent ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex il-manteniment tal-minuri jigi regolat skont ma' min mill-genituri tieghu l-istess minuri jkun qieghed jitrabba u l-mezzi tal-istess kontendenti;*

6. *Illi t-talba dwar il-kap tal-ispejjez hija opposta peress illi hija l-intransigenza u l-pika tal-attur illi wasslu ghal dawn il-proceduri u l-ispejjes gudizzjarji ghandhom jithallsu minnu;*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni ta' AL datata 9 ta' Jannar 2019 a fol 15 et seqq., li taqra hekk:

1) *Illi l-konvenuta giet notifikata bir-rikors guramentat fl-ismijiet premessi u qeghda tipprevalixxi ruhha mill-istess kawza billi tressaq kontro-talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti tipprovdi dwar it-trobbija u l-manteniment tal-minuri, ZG, iben il-kontendenti;*

2) *Illi l-kontendenti ghandhom tifel, ZG, illi twieled f'X u li ghalhekk ghandu X snin. Ir-relazzjoni tal-kontendenti spiccat u l-kontendenti illum jghixu separatament minn xulxin;*

3) *Illi l-konvenuta bdiet relazzjoni mal-attur fis-sena 2009 meta hi kellha tmintax-il sena;*

4) *Illi meta l-konvenuta rrealizzat illi hija kienet tqila, il-kontendenti bdew jghixu flimkien f'appartament mikri. Fl-ewwel ftit xhur wara t-twelid ta' ZG, il-komportament tal-attur inbidel fis-sens illi hu beda regolarment iqatta ljieli barra u jidhol id-dar fis-sakra; ma baqghax iqatta hin mal-esponenti u mat-tifel; huwa kien ukoll igib ruhhu b' mod illi l-konvenuta sabet illi kien repunjanti;*

5) *Meta t-tarbija kellha biss hames xhur u minhabba l-atteggjament tal-attur, l-konvenuta kienet kostretta tittermina r-relazzjoni taghha mal-attur u ghalhekk talbitu jitlaq mill-appartament.*

6) *L-konvenuta baqghet tghix fl-appartament flimkien ma' binha sakemm f' Ottubru 2013 hija marret tghix ghand ommha flimkien mal-imsemmi minuri.*
7) *Il-konvenuta tirrileva illi f' dik l-epoka, l-attur kien jipprezenta ruhhu biex jara lit-tifel fi stat xurban jew mod iehor fi stat mhux normali, u l-konvenuta kienet tirrifjuta illi thalli lill-binha ta' eta tenera jara lill-attur.*

8) *Illi fis-sena 2013 il-partijiet kienu, bl-ghajnuna tal-avukati rispettivi taghhom, wasslu ghal ftehim dwar manteniment u access izda l-attur qatt ma ffirma dan*

*il-ftehim. L-attur kien jezercita l-access illi dwaru l-partijiet kienu qablu li sejrin jiftehmu izda qatt ma hallas manteniment.*

9) *Illi hekk kif l-attur beda jezercita l-access ghat-tifel huwa beda jistrumentalizza dan l-access bhala forma ta' inkejja ghall-konvenuta. Kien ghal zmien twil zamm l-indirizz tar-residenza tieghu mistur; kien spiss jiddeciedi illi ma jibghatx lit-tifel l-iskola u ma kien jghid xejn lill-konvenuta meta t-tifel kien ikun marid. L-attur kien u ghadu jghamilha mpossibli ghall-konvenuta illi jigu miftehma dati u hinijiet ta' access. Dejjem kif jghid hu.*

10) *F' Gunju 2018 il-konvenuta rceviet ittra mill-iskola fejn jattendi l-minuri, St. Tomas Moore, illi l-imsemmi tifel ma attendiex l-iskola ghal diversi drabi. L-konvenuta u l-attur attendew l-iskola sabiex din il-problema tigi rizolta.*

11) *Matul ix-xahar ta' Lulju 2018 l-attur kien ripetutament ma jirritornax lit-tifel ghand l-esponenti meta l-hin tal-access tieghu kien ikun spicca.*

12) *Illi fis-6 ta' Awwissu 2018 l-konvenuta kienet prezentat proceduri ta' medjazzjoni sabiex dan id-dizgwid jigi rizolt darba ghal dejjem u dan ghaliex ma kienx tajjeb ghall-minuri illi jibqa jghix f'din is-sitwazzjoni.*

13) *Fil-frattemp l-konvenuta ġie notifikata b' dokumenti, fl-20 ta' Diċembru 2018, għall-kura u l-kustodja tat-tifel minuri ZG.*

14) *Illi f' dawn l-ahhar xhur, l-attur beda jikkoabita ma' mara illi ghandha zewgt itfal minn relazzjoni ohra. Propju minhabba din ir-relazzjoni tieghu, l-attur hass illi seta jibda' process ta' eskluzjoni tal-konvenuta minn hajjet il-minuri ghaliex kellu persuna d-dar lesta illi trabbi lil minuri ghalih. Qieghed allura spiss jigri illi t-tifel jigi mgieghel icempel lill-konvenuta ommu biex jghidlha illi ma jridx jirritorna ghandha u li jrid minflok jibqa' ghand l-attur.*

15) *Illi sew ghaliex il-medjazzjoni mal-attur ma wassalx ghal ftehim xieraq dwar it-trobbija tal-minuri, u kif ukoll ghaliex meta l-ftehim kien – ghad li biss informalment – gie milhuq, l-istess gie vvjolat sistematikament mill-istess attur,*

*u ghaldaqstant hemm lok ghall-intervent ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex il-kura u l-manteniment tal-istess minuri jigu decizi u ma jibqghux suggett tal-burdati u l-piki tal-istess attur.*

Rat il-kontro-talba ta' AL datata 9 ta' Jannar 2019 a fol 19 et seqq., li taqra hekk:

1) *Illi l-konvenuta giet notifikata bir-rikors guramentat fl-ismijiet premessi u trid tipprevalixxi ruhha mill-istess kawza sabiex tistitwixxi il-kontro-talba odjerna taghha wkoll sabiex dina l-Onorabbli Qorti tipprovdi dwar it-trobbija u l-manteniment tal-minuri, ZG, iben il-kontendenti;*

2) *Illi l-konvenuta giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza odjerna permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tad-19 ta' Novembru 2018 (anness u mmarkat **DOK A**).*

3) *Illi l-kontendenti ghandhom tifel, ZG, illi twieled f'X u li ghalhekk ghandu X snin (certifikat tat-twelid anness u mmarkat **DOK B**);*

4) *Illi r-relazzjoni tal-kontendenti spiccat u l-kontendenti llum jghixu separatament minn xulxin;*

5) *Illi r-rapport ta' bejn il-kontendenti fir-rigward tat-tifel minuri ddeterjora ;*

6) *Illi l-antecidenti tad-dizgwid dwar il-minuri odjern huma fil-qosor s-segwenti illi kollettivament u flimkien ma' dak gja premess jifformaw ukoll l-oggett tal-kawza:-*
    i) *Illi l-esponenti bdiet relazzjoni mal-attur fis-sena 2009 meta hi kellha tmintax-il sena;*
    ii) *Illi meta l-konvenuta rrealizzat illi hija kienet tqila, il-kontendenti bdew jghixu flimkien f'appartament mikri. Fl-ewwel ftit xhur wara t-twelid ta' ZG, il-komportament tal-attur inbidel fis-sens illi hu beda regolarment iqatta ljieli barra u jidhol id-dar fis-sakra; ma baqghax iqatta hin mal-esponenti u mat-*

*tifel; huwa kien ukoll igib ruhhu b' mod illi l-konvenuta sabet illi kien repunjanti;*

iii) *Meta t-tarbija kellha biss hames xhur u minhabba l-atteggjament tal-attur, l-konvenuta kienet kostretta tittermina r-relazzjoni taghha mal-attur u ghalhekk talbitu jitlaq mill-appartament;*

iv) *L-konvenuta baqghet tghix fl-appartament flimkien ma' binha sakemm f' Ottubru 2013 hija marret tghix ghand ommha flimkien mal-imsemmi minuri;*

v) *Il-konvenuta tirrileva illi f' dik l-epoka, l-attur kien jipprezenta ruhhu biex jara lit-tifel fi stat xurban jew mod iehor fi stat mhux normali, u l-konvenuta kienet tirrifjuta illi thalli lill-binha ta' eta tenera jara lill-attur;*

vi) *Illi fis-sena 2013 il-partijiet kienu, bl-ghajnuna tal-avukati rispettivi taghhom, wasslu ghal ftehim dwar manteniment u access izda l-attur qatt ma ffirma dan il-ftehim. L-attur kien jezercita l-access illi dwaru l-partijiet kienu qablu li sejrin jiftehmu izda qatt ma hallas manteniment.*

vii) *Illi hekk kif l-attur beda jezercita l-access ghat-tifel huwa beda jistrumetalizza dan l-access bhala forma ta' inkejja ghall-konvenuta. Kien ghal zmien twil zamm l-indirizz tar-residenza tieghu mistur; kien spiss jiddeciedi illi ma jibghatx lit-tifel l-iskola u ma kien jghid xejn lill-konvenuta meta t-tifel kien ikun marid. L-attur kien u ghadu jghamilha impossibli ghall-konvenuta illi jigu miftehma dati u hinijiet ta' access. Dejjem kif jghid hu.*

viii) *F' Gunju 2018 il-konvenuta rceviet ittra mill-iskola fejn jattendi l-minuri, St. Tomas Moore, illi l-imsemmi tifel ma attendiex l-iskola ghal diversi drabi. L-konvenuta u l-attur attendew l-iskola sabiex din il-problema tigi rizolta.*

ix) *Matul ix-xahar ta' Lulju 2018 l-attur kien ripetutament ma jirritornax lit-tifel ghand il-konvenuta meta l-hin tal-access tieghu kien ikun spicca.*

x) *Illi fis-6 ta' Awwissu 2018 l-konvenuta kienet prezentat proceduri ta' medjazzjoni sabiex dan id-dizgwid jigi rizolt darba ghal dejjem u dan ghaliex ma kienx tajjeb ghall-minuri illi jibqa jghix f'din is-sitwazzjoni.*

xi) *Fil-frattemp l-konvenuta ġie notifikata b'dokumenti fl-20 ta' Diċembru 2018 għall-kura u l-kustodja tat-tifel minuri ZG.*

xii) *Illi f' dawn l-ahhar xhur, l-attur beda jikkoabita ma' mara illi ghandha zewgt itfal minn relazzjoni ohra. Propju minhabba din ir-relazzjoni tieghu, l-attur hass illi seta jibda' process ta' eskluzjoni tal-konvenuta minn hajjet il-minuri ghaliex kellu persuna d-dar lesta illi trabbi lil minuri ghalih. Qieghed allura*

*spiss jigri illi t-tifel jigi mgieghel jcempel lill-konvenuta ommu biex jghidlha illi ma jridx jirritorna ghandha u li jrid minflok jibqa' ghand l-attur.*

7) *Illi sew ghaliex il-medjazzjoni mal-attur ma wassalx ghal ftehim xieraq dwar it-trobbija tal-minuri, u kif ukoll ghaliex meta l-ftehim kien – ghad li biss informalment – gie milhuq, l-istess gie vvjolat sistematikament mill-istess attur, hemm lok ghall-intervent ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex il-kura u l-manteniment tal-istess minuri jigu decizi u ma jibqghux suggett tal-burdati u l-piki tal-istess attur.*

*Ghaldaqstant il-konvenuta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, previa kull provvediment iehor li l-Qorti jidhrilha huwa xieraq u opportun fic-cirkostanzi, joghgobha:-*

i. *Tordna illi fl-ahjar interess tal-imsemmi minuri, ZG, iben il-kontendenti, il-kura u l-kustojdu tal-istess minuri tiga fdata lill-konvenuta ommu b' mod illi l-post tar-residenza tal-istess minuri jkun mal-konvenuta ommu u dan salv access ghall-istess minuri lill-attur missieru illi jigi ezercitat skond kif jigi ordnat mill-Qorti fl-ahjar interess tal-minuri, ukoll wara li jitqiesu l-anticedenti tal-istess attur u l-karattru tieghu.*

i) *Tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenuta, dak il-manteniment, ossija dik ir-retta alimentarja, xierqa u adegwata ghall-htigjijiet tal-imsemmi tifel minuri ZG illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-kontendenti u l-bzonnijiet tal-istess tifel, pagabbli mill-attur lill-istess konvenuta, fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti, ukoll jekk l-imsemmi tifel ikun ghalaq il-maggor eta', jekk ghar-ragunijiet mahsuba fil-Ligi, l-imsemmi tifel jkun baqa' intitolat illi jibqa' jippercepixxi l-manteniment minnghand il-genituri tieghu;*

*Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-medjazzjoni, kontra l-istess attur illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' SG għal kontro-talba ta' AL datata 15 ta' Frar 2019, fol 33 et deqq., li taqra hekk.

1. *L-esponenti jikkonferma li mir-relazzjoni bejn il-kontendenti, twieled il-minuri ZG nhar is-6 ta' Frar, 2013, li attwalment huwa għandhu l-eta ta' 6 snin.*

2. *Din ir-relazzjoni intemmet għar-raġunijiet imputabbli lill-intimata b'dan li illum il-ġurnata l-kontendenti jgħixu separatament.*

3. *L-esponenti jiċħad bil-qawwa kollha l-allegazzjoni magħmul fil-konfront tiegħu bħala infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt inkluż ukoll l-allegazzjonijiet magħmulha fil-konfront tiegħu li fil-passat kien jeżerċita l-aċċess fi stat xurban jew fi stat mhux normali. Oltre minn hekk, dawn l-allegażżjonijiet magħmula fil-konfront tal-esponenti jistonaw ferm meta jitqies li attwalment il-minuri jirrisjedi fil-maġġor parti tal-ħin tiegħu mal-missier u fir-rimanenti siegħat, il-minuri jqatta' tali ħin mal-omm kif ukoll man-nanna materni b'indikazzjoni ċara li l-omm mhix tieħu l-opportunita li teżerċita l-aċċess fl-intier tiegħu iżda tiddeċiedi li taqsam l-istess aċċess man-nanna materni tal-minuri.*

4. *L-ewwel talba rikonvenzjonali rigward il-kura u kustodja u l-kura ordinarja tal-minuri ZG għandha tiġi miċħuda in kwantu ma jkunx fl-interess aħħari tal-istess minuri li l-kura u l-kustodja u l-kura ordinarja tiġi f'data b'mod esklussiv lill-omm, AL u dan anke in vista tal-fatt li hija x-xewqa tal-istess minuri li joqgħod mal-esponenti missieru, SG.*

5. *It-tieni talba rikonvenzjonali fir-rigward tal-manteniment għandha tġi miċħuda ukoll u dan in vista tal-eccezzjonijiet precedenti izda ukoll in vista tat-talbiet mressqa fir-rikors principali tal-esponenti.*

6. *Dwar it-talba tal-kap tal-ispejjeż hija opposta tenendo kont illi kienet frott il-pika tal-intimata li l-partijiet ma waslux għal ftehim dwar il-minuri waqt il-medjazzjoni u dan minkejja t-tentanttivi tal-medjatriċi.*

7. *Salv eċċezzjonijiet oħra talvolta meħtieġa u permess mil-Liġi*

***DIKJARAZZJONI ĠURAMENTATA*** *ta' SG (detentur tal-karta tal-identita' nru 0058986(M)) li bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma illi:*

1. *L-esponenti jikkonferma li mir-relazzjoni bejn il-kontendenti, twieled il-minuri ZG nhar is-6 ta' Frar, 2013, li attwalment huwa għandhu l-eta ta' 6 snin.*

2. *Din ir-relazzjoni intemmet għar-raġunijiet imputabbli lill-intimat b'dana li illum il-ġurnata l-kontendenti jgħixu separatament.*

3. *L-esponenti jiċħad bil-qawwa kollha l-allegazzjoni magħmula fil-konfront tiegħu bħala infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt inkluż ukoll l-allegazzjonijiet magħmulha fil-konfront tiegħu li fil-passat kien jeżerċita l-aċċess fi stat xurban jew fi stat mhux normali. Oltre minn hekk, dawn l-allegażżjonijiet magħmula fil-konfront tal-esponenti jistonaw ferm meta jitqies li attwalment il-minuri jirrisjedi fil-maġġor parti tal-ħin tiegħu mal-missier u fir-rimanenti siegħat, il-minuri jqatta' tali ħin mal-omm kif ukoll man-nanna materni b'indikazzjoni ċara li l-omm mhix tieħu l-opportunita li teżerċita l-aċċess fl-intier tiegħu iżda tiddeċiedi li taqsam l-istess aċċess man-nanna materni tal-minuri.*

4. *Dwar ir-raba' eċċezzjoni, l-ewwel talba rikonvenzjonali rigward il-kura u kustodja u l-kura ordinarja tal-minuri ZG għandha tiġi miċħuda in kwantu ma jkunx fl-interess aħħari tal-istess minuri li l-kura u l-kustodja tiġi f'data b'mod esklussiv mill-omm, AL u dan anke in vista tal-fatt li hija x-xewqa tal-istess minuri li huwa joqgħod mal-esponenti missieru, SG. Inoltre ma jezistux il-presupposti mil-ligi sabiex l-istanti jigi svestit mill-kustodja ta' ibnu kif mitlub.*

5. *Dwar il-ħames eċċezzjoni, it-tieni talba rikonvenzjonali fir-rigward tal-manteniment għandha tiġi miċħuda ukoll u dan mhux biss in vista tal-*

*eccezzjoni precedenti izda ukoll in vista tat-talbiet mressqa fir-rikors principali tal-esponenti.*

6. *Dwar is-sitt eċċezzjoni, dwar it-talba tal-kap tal-ispejjeż hija opposta tenendo kont illi kienet frott il-pika tal-intimata li l-partijiet ma waslux għal ftehim dwar il-minuri waqt process ta' medjazzjoni u dan minkejja t-tentanttivi tal-medjatriċi.*

7. *L-intimat jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimata, b'riserva illi l-attur iressaq talba għal eċċeżżjonijiet ulterjuri skont il-każ u b'riserva għal kwalunkwe eċċeżjoni spettanti lill-attur. L-intimata tinsab minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat illi Dr Keith Borg u Dr Rebecca Mercieca irrinunzjaw ghall-patrocinju tal-attur fl-10 ta' Ottubru 2022(vide fol 542)

Rat illi l-ahhar darba li deher l-attur kien fl-1 ta' Gunju 2022;

Rat illi fl-udjenza tal-31 ta' Mejju 2023 din il-Qorti ddikjarat maghluqa l-provi tal-attur (vide verbal a fol 460 et seqq.);

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2024, l-intimata iddikjarat illi m'ghandhiex aktar provi x'tipproduci;

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2024 il-Qorti akkordat lill-attur il-fakolta' li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fi zmien gimghatejn b'notifika tal-istess lill-kontro-parti li jkollha gimghatejn zmien ghar-risposta;

Rat illi l-attur minkejja l-fakolta' lilu moghtija, baqa inadempjenti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghat lill-minuri in camera;

Semghat it-trattazzjoni finali;

**Ikkonsidrat:**

***SG xehed nhar it-13 ta' Mejju 2019 (vide 48 et seq)*** u spjega illi fl-14 ta' Frar 2019, l-omm bdiet iccempel lill-minuri biex tmur ghalih, kienet il-gurnata tal-Hamis, imma il-minuri beda jirrifjuta li jmur ghand l-omm, ghaliex ried li jibqa' jilghab mal-missier, izda l-omm irrifjutat li thallih hemm. Dan minkejja li l-minuri kien ikun mal-missier u kien jitolbu jiehdu ghand omm l-attur. Jishaq illi hu ma kellu l-ebda oggezzjoni li jmur mal-omm, u filfatt kien qieghed ilestih izda t-tifel baqa' jinsisti li ma riedx imur. X'hin l-intimata waslet ghand l-attur, bdiet tghajjat u ssabbat filwaqt li t-tifel beda jinsisti li jrid jibqa' mal-missier. Il-minuri beda jibki hafna. Wara circa ghoxrin (20) minuta, l-omm telqet, u kienu marru t-tnejn l-ghassa jaghmlu rapport. Jishaq illi minkejja li hu xtralu xi *equipment* ghall-*extra-curricular activities*, l-omm quddiem il-minuri toqghod tmaqdar dak li jkun xtara l-missier, u lanqas thalli lill-missier imur jara lill-minuri jilghab it-tennis u tinsisti illi bilfors trid tiehdu hi.

Isemmi episodju li kien gara fil-gurnata tat-Tnejn, meta l-minuri ikun dejjem mieghu, fejn l-omm kienet qabdet u hadet lill-minuri minn gol karozza tal-missier. L-attur jikkonferma illi hu jahdem bhala *property negotiator* fuq bazi *self-employed.* Jixhed illi sa fejn jaf hu l-omm tahdem sas-6/6:30 ta'flghaxija u filfatt tigbor lill-minuri minghandu dak il-hin fost il-gimgha.

***L-attur pprezenta ukoll affidavit (vide fol 53 et seq)*** fejn spjega illi hu u l-intimata bdew johorgu flimkin fl-2010 u tlett snin wara f'Awwissu 2013, temmew ir-relazzjoni taghhom. Illi l-minuri twieled f'X. Ghal bidu li ma baqaghux flimkien, l-intimata kienet ghamlet zmien tirrifjuta li jzomm lill-minuri mieghu ghal *sleepover,* u kien biss meta l-intimata regghat bdiet tohorg ma shabha illi biddlet fehmtha u bdiet thallih jqatta iktar hin mieghu u anke *sleepovers.* Illi maz-zmien il-minuri beda jqatta' l-maggior parti tal-granet tieghu mal-attur, bl-omm li kien ikollha biss access. L-intimata hija persuna li thobb tohrog u tqatta' l-hin barra, b'dana illi qatt ma poggiet l-interessi tat l-minuri qabel taghha. Filfatt qabel bdew il-proceduri odjerni meta l-minuri kien imissu joqghod mal-omm, xorta kien jispicca mal-attur ghaliex l-omm ma kienitx tghaddi ghalih.

Jishaq illi meta l-omm kienet tigi ghall-minuri, ta' spiss kien ikollha riha ta'xorb, u kienet anke tghaddi ghalih tard fil-ghaxija, u gieli anke haditu maghha go bar bl-isem "Lemon and Lime" . Meta l-minuri beda n-*nursery,* kien hu li kien jiehu hsieb iwasslu u jigbru minn *nursery*, u l-i*staff* kienu jigbdulu l-attenzjoni li l-omm kienet tiehdu tard meta twasslu hi u l-istess meta beda l-kindergarten.

Jispjega illi minkejja li meta kien ghadu mal-intimata, l-intimata kienet tghidlu diversi affarijiet fuq ommha, u li kien ikollha hafna glied ma' ommha, u li ma kienitx tafda lill-minuri ma' ommha, illum, il-minuri qieghed minkejja dan kollu, jithalla ma' omm l-intimata, specjalment kull nhar ta' Erbgha minn wara l-iskola sakemm tirritorna lura mix-xoghol l-intimata. Illi kull nhar ta' Erbgha l-attur jispjega illi hu ma jkollux kuntatt mal-minuri, ghaliex omm l-intimata qatt ma tirrispondi meta jcempilha, tant li gieli anke tfiet il-mobile u ghalhekk jishaq illi kull nhar ta' Erbgha ghandu jkun hu li jigbor lill-minuri mill-iskola kif kien jigri fil-passat.

Izid illi kien dejjem hu li ha hsieb il-bzonnijiet tal-minuri, specjalment dawk finanzjarji, inkluz *parties* ghal *birthday,* kotba, uniformijiet, hwejjeg, medicina, mizati tac-childcare etc. Jirrileva ukoll illi meta l-minuri jkun mal-omm, huwa jinkwieta hafna ghaliex tul is-snin induna li l-intimata ma tafx tiehu hsieb lill-minuri, anke ghaliex ma jafx xi jfettilha taghmel jew ma' min thallieh.

***PG, omm l-attur, xehdet permezz ta' affidavit vide fol 60 et seq)*** u spjegat illi il-minuri kien u ghadu jmur ghandha wara li jispicca l-iskola u kien jorqod ma' binha mill-bidu nett specjalment meta binha u l-intimata itterminaw ir-relazzjoni taghhom. Tixhed illi kull nhar ta' Erbgha l-minuri kien imur ghandhom wara l-iskola, izda wara li nqalet kwistjoni f'Dicembru tas-sena 2017, omm l-intimata bdiet tigbor lill-minuri mill-iskola hi. Illi mhux l-ewwel darba li hi tkun gharfet lill-attur bi pjan ghal xi harga mal-minuri, u l-omm wara li jkunu ftehemu ccempilha ghaliex tkun trid lill-minuri maghha. Il-minuri f'dawn l-okkazzjonijiet ma jkunx irrid li jmur mal-omm, ghaliex ikun lahaq twebbel. Izzid illi kien hemm okkazzjonijiet fejn kienet xammet lill-intimata riha ta' inbid meta twassal lill-minuri ghandhom, u mhux l-ewwel darba li rawha f' bar Wied il-Ghajn, "*Lemon and Lime"* anke bil-minuri maghha. Tishaq ukoll illi mhux l-ewwel darba li dehret li kellha *hangover*. Illi minkejja dan kollu isostni illi huma qatt ma jghidu xejn kontra l-omm quddiem il-minuri, illi pero' l-omm ma taghmilx l-istess tant li l-minuri gieli qal lix-xhud illi ommu tghidlu: *"I hate your nanna."* Tispjega illi binha u l-minuri ghandhom relazzjoni tajba hafna u fil-maggior parti il-minuri kiber ma' binha li dejjem kien hemm ghal

ibnu. Illi filfatt il-minuri iqatta' l-parti l-kbira tal-gimgha mal-missier, filwaqt li l-omm tiehdu biss ghal xi granet matul il-gimgha anke peress li hi tispicca tard mix-xoghol u dana kuntrarjament ghal binha li ghandu xoghol b'hinijiet flessibbli.

***Missier l-attur, MG nhar it-3 ta' Gunju 2019 (vide fol 66)*** xehed illi r-relazzjoni bejn ibnu u l-minuri ZGhija wahda tajba hafna, fejn il-minuri jkun qieghed jistenna lill-missieru herqan u kif jittardja ftit, il-minuri jkun irrid icempillu mal-ewwel. Ix-xhud jishaq illi meta jmur jigbor lill-minuri hu, ibnu l-attur ikun diga' qieghed fuq it-telefon mieghu biex jara li kollox sew. Izid illi ibnu u l-minuri it-tnejn mohhom f'xulxin, u huma qishom kif kien hu ma' ibnu meta kien zghir. Jispjega illi ibnu huwa missier responsabbli u jiehu hsieb kollox, x'ser isajjru, u x'hemm bzonn li jmorru jixtru. Jixhed illi x-xoghol ta' ibnu bhala *property negotiator* huwa flessibbli u ghalhekk jista' jqatta' hafna hin mal-minuri.

***Prodott in kontro-ezami nhar l-1 ta' Lulju 2019 (vide fol 14 et seq) l-attur*** spjega illi meta l-intimata kienet ghadha tqila, l-affarijiet bejniethom kienu diga mhux qieghdin sew. Jikkonferma illi kien ilhom flimkien madwar tliet snin u nofs mis-sena 2010. Sakemm kienu ghadhom flimkien kienu ghamlu perjodu jghixu flimkien ghand ommu, illi sussegwentement kienu krew flat meta twieled il-minuri u kienu ghamlu xi tliet xhur wara li twieled il-minuri jghixu f'dan il-flat. Meta itterminaw ir-relazzjoni, l-access dejjem qisu baqa l-istess, fejn kienu jaqsmu l-gimgha fuq bazi alternat. Illi f'perjodu minnhom wara argument li kien inqala, nhar ta' Erbgha bdiet tigbru omm l-intimata mill-iskola. Illi minkejja li kien hemm dan l-arrangament, mhux l-ewwel darba li l-intimata kienet titolbu izomm lill-minuri fil-weekend ghaliex kienet tghidlu li trid tmur ix-xoghol.

Jishaq illi qatt ma kien hemm problema rigward l-access f'hames snin, pero' minn sena ilu, l-intimata qieghda tkun difficli fejn jidhol l-access. Jikkonferma illi meta kienu ghadhom flimkien, l-intimata kienet tahdem minn filghodu kmieni tas-sitta ta' flghaxija, u kienet ukoll tahdem go *bar* f' Marsascala pero' kienet tmur hemm anke bil-minuri maghha fil-*pushchair.* Meta il-minuri kien ghadu zghir it-tnejn li huma kienu jghinu lil missieru l-*Preluna,* u kien jahdem ukoll fil-kostruzzjoni. Illi llum huwa *Property Negotiator* u huwa iktar flessibbli. Jikkonferma illi fl-ewwel hmistax wara li hassru ma kienitx hallietu jraqqad lill-minuri mieghu, izda wara dawn il-hmistax kienet regghet bdiet taccetta ghaliex fil-fehma tieghu hi regghet bdiet tohorg ma' shabha.

Fir-rigward il-manteniment, l-attur jispjega illi f'April tas-sena 2014, kienet talbitu l-flus, meta l-minuri kien ser ikun mieghu fil-weekend, u ghalhekk kien jaf illi l-flus ma kienitx ha tuzahom ghall-minuri anke peress li kien dejjem hu li kien jixtri l-affarijiet ghall-minuri. Izid illi l-intimata kienet tbiddel il-pjanijiet skond ma kien jaqbel lilha. Illi l-istess kien gara meta l-minuri beda l-ewwel gurnata tal-iskola, biex tkun hi li twasslu u mhux l-attur. Jishaq illi kien f'dan il-perjodu li l-intimata kienet ibblokjatu minn fuq il-*mobile*. Mistoqsi dwar il-kondizzjoni psikjatrika ta' omm l-intimata, l-attur jishaq illi dawn huma affarijiet li qaltlu l-intimata u anke omm l-intimata kienet tkelmet fuq dan ma' ommu. Jikkonferma illi filwaqt li hu m'ghandux oggezzjoni li l-minuri jattendi attivitajiet extra-kurrikulari, huwa jixtieq li jkun jista jwasslu u jmur jarah bhal ma taghmel l-intimata u li jrid ikun parti minn dawn id-decisjonijiet. Izid illi fir-rigward spejjes, filwaqt li hu jixtri dak kollu li jkollu bzonn il-minuri minghajr ma jitlobha nofshom, hemm spejjes ohra li taghmel l-intimata fejn ihallsu nofs bin-nofs.

***Joseph Saliba in rapprezentanza tal-JobsPlus xehed nhar it- 8 ta' Novembru 2019 (vide fol 82 et seq)*** u esebixxa l-*employment history* tal-partijiet (Vide dok JS1 u JS2)

***Ivan Cilia in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, xehed nhar it-8 ta' Novembru 2019 (vide fol 84 et seq)*** u spjega illi l-attur qatt ma ppercepixxa beneficcji socjali filwaqt li l-intimata, tippercepixxi *Children's Allowance* u anke kienet hadet il-*Maternity Benefit* .

***RPC 3141 xehdet nhar is-7 ta' Ottubru 2020 (vide Doc A)*** esebiet numru ta' rapporti maghmula mill-partijiet fil-konfront ta' xulxin (vide JC 1-JC 19 u kif ukoll dawk maghmula mill-attur (vide dok JC 18-JC 19).

***MG, missier l-attur xehed ukoll permezz ta' affidavit (vide fol 191 et seq)*** u filwaqt li sahaq fuq dak li diga' xehed fuq precedentement, zied illi mhux l-ewwel darba li meta l-minuri ikun imissu imur ma' ommu ma jkunx irrid imur u jkollhom joqghodu jikkonvincuh huma biex imur. Illi minkejja dan, l-intimata kienet tispicca toqghod tiggieled maghhom u takkuzahom illi huma qieghdin jghidu lill-minuri biex ma jmurx m'ommu, meta hija l-intimata li qieghda timmanpula lill-minuri u thawwadlu mohhu, tant illi toqghod tweghdu li ser ttih sopriza biex imur maghha. Jispjega illi l-minuri jkun irrid jibqa' mal-missier, ghaliex dejjem jilghabu flimkien, u anke ghaliex meta jkun mal-omm, l-omm ma thallihx icempel lill-missieru. izid illi l-intimata mhux l-ewwel darba li hadet lill-minuri gewwa bar "Lemon and Lime".

***Oht l-attur, Caroline Massa, xehdet permezz ta' affidavit, (vide fol 193 et seq)*** u spjegat illi huha ghandu relazzjoni tajba hafna ma' ibnu, u minn dejjem kien prezenti fil-hajja tal-minuri u kif ukoll dejjem gab l-interessi tal-minuri l-ewwel u qabel kollox. Illi darba minnhom fis-7 ta' Ottubru 2018, flimkien ma' ommha marru jigbor lill-minuri minghand l-omm u xhin ommha nizlet ghall-minuri, semghat lill-intimata tghajjat ma' ommha, u nizlet mill-karozza biex tipprova tikkalma s-sitwazzjoni. L-intimata qaltilha illi ma kienitx ser tibghat lill-minuri ghaliex huha ma kienx hallasha. Dakinhar kienet offritilha biex jiltaqghu ghal kafe u joqghodu jitkellmu izda dan qatt ma gara. Illi dan kollu gara fil-presenza tal-minuri li kien jidher imbezza u konfuz. Tispjega illi hija thoss li l-minuri huwa manipulat hafna mill-familjari tal-intimata u filfatt il-minuri gieli qal lix-xhud stess illi nanntu u cioe n-nanna maternal bdiet tghidlu biex ihobb lill ommu biss. Meta xhud qalet lill-minuri li ghandu jhobb liz-zewg genituri, il-minuri kien pront staqsiha " anke lill-ommi?" ghaliex kien sorpiz li hi qaltlu biex ihobb anke lil ommu peress lix-xhud hija oht missieru. Il-minuri kemm il-darba qalilha li ma kienx jithalla jcempel lil missieru meta jkun mal-omm.

Il-minuri dejjem kien hafna iktar kuntent meta jkun imissu joqghod ma' huha, u dan kienet tikkonfermah hi stess meta jkun wasal il-hin li l-intimata tigi tigbru stante u dana peress li kienet tisma lill-minuri jghid li ma jridx jmur ma' ommu, illi filfatt l-omm kienet tweghdu li ha tiehdu x'mkien partikolari u biex thajru jmur maghha, izda wara l-minuri kien jghidilhom li ma kienet haditu mkien.

***L-attur in kontro-ezami nhar is-7 ta' Frar 2020 (vide fol 60 et seq)*** jikkonferma illi meta l-minuri kien qieghed jingabar minn omm l-intimata huwa kien qieghed ikun prekluz milli jkellem lill-minuri ghaliex meta kien icempel fuq il-mobile tan-nanna materna, din ma kienitx tirrispondi. Jispjega illi komunikazzjoni bejnu u bejn l-intimata m'hemmx. L-attur xehed illi prezentement huwa jghix Wied il-Ghajn flimkien mal-*partner* tieghu, li ghandha zewgt itfal, u filwaqt li l-partner tieghu tiehu hsieb il-bzonnijiet ta' uliedha, hu jiehu hsieb dawk ta' ibnu. Izid illi hu u l-intimata jaqsmu l-gimgha bejniethom b'dana illi l-minuri ikun mieghu daqs kemm ikun mal-omm generalment. Jikkonferma illi huwa ma jghaddix manteniment lill-intimata, imma ihallas dak kollu li hemm bzonn ghall-minuri.

***Gabriella Marmara in rapprezentanza tal-APS Bank plc xehdet nhar l- 10 ta' Novembru 2020 (vide fol 1C et seq)*** u spjegat illi ma rrizulta l-ebda kont fuq isem l-intimata.

***Stephen Baldacchino in rapprezentanza tal-BNF Bank plc xehed nhar l-10 ta' Novembru 2020 (vide fol 1H et seq)*** u spjega illi l-intimata ghandha zewg kontijiet kurrenti, li huma t-tnejn attivi. (Vide dok SB1-2)

***Johanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc xehdet nhar l-10 ta' Novembru 2020 (vide fol 1A et seq)*** u spjegat illi rrizultaw zewg kontijiet fuq isem l-intimata, li huma zewg kontijiet *savings* li ghadhom miftuhin. (Vide Dok JB1-JB2)

***Lorraine Attard in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc, xehdet nhar l-10 ta' Novembru 2020 (vide fol 1E et seq)*** spjegat illi nstabu s-segwenti kontijiet fuq isem l-intimata: zewg *current accounts, credit card* u *loan account.* (vide LA1-LA4). Ix-xhud ikkonfermat illi l-*card* hija sospiza.

***Joanna Bartolo in rapprezentanza tal-BOV Bank xehdet nhar l-1 ta' Gunju 2022 (vide fol 427 et seq)*** u spjegat illi irrizultaw zewg kontijiet, *savings account* li infetah f' Gunju 2006 u *savings account* iehor li nfetah f' Lulju tas-sena 2018 u ukoll ghadu miftuh. (Vide doks JV1-JV2).

***Lorraine Attard in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc, xehdet nhar l-1 ta' Gunju 2022 (vide fol 426 et seq***) u spjegat illi l-intimata ghandha zewg *current accounts* mal-bank li ghadu miftuh, u *credit card account*. (Vide dok LA1-LA2)

***Charmaine Psaila Ragi in rapprezentanza tal-APS Bank xehdet nhar l-1 ta' Gunju 2022, (vide fol 425 et seq***) u spjegat illi ma rrizultax li l-intimata kienet klijenta tal-bank.

***Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali xehed nhar l-1 ta' Gunju 2022 (vide fol 431 et seq)*** u esebixxa dokumentazzjoni ghal-beneficcji socjali percepiti mill-intimata mis-sena 2019. (Vide Dok ST1).

***L-intimata in subizzjoni nhar l-1 ta' Gunju 2022 (vide fol 429 et seq)*** ikkonfermat illi hija impjegata ma' kumpanija jisimha "Get Hitched Inc. Limited" b'*reduced hours* b'massimu ta' hamsa u tletin siegha (35) u bil-possibilita' li tahdem mid-dar. Iddikjarat illi hija ghandha introjtu ta' EUR1400 fix-xahar nett.

***Claudine Coreschi, assistenta Kap tal-Iskola St Anna Wied il-Ghajn fi hdan il-Kullegg San Tumas More, xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 255 et seq),*** u spjegat illi l-minuri iben il-partijiet huwa student ezemplari, rispettat minn shabu u juri rispett kemm lejn is-superjuri tieghu u kif ukoll lejn shabu. Izzid illi l-minuri jaghmel hiltu fil-qasam akkademiku x-xoghol tieghu huwa kif suppost u l-attendenza tieghu hija wahda regolari ukoll. Tixhed illi z-zewg genituri jiehdu sehem attiv fil-hajja skolastika tal-minuri u jibnu fuq dak li jkun sar l-iskola.

***Claudia Diacono in rapprezentanza tal-Malta Business Registry xehdet nhar it-13 ta' Lulju 2023 (vide fol 474 et seq)*** xehdet illi l-attur huwa involut f'kumpanija bl-isem *G2 Management Company Limited* bis-C Number 93596, fejn huwa direttur, segretarju, *shareholder*, *legal* and *judicial representative*. Ix-xhud esebit d-dokumentazzjoni relattiva. (*Vide dok CD1)*

***Zuzana Buckova in rapprezentanza ta' Credit Europe Bank xehdet nhar it-13 ta' Lulju 2023 (vide fol 477 et seq)*** u kkonfermat illi l-partijiet qatt ma kienu klijenti tal-bank.

***Joshua Attard in rapprezentanza ta' BNF Bank, xehed nhar it-13 ta' Lulju 2023 (vide fol 479 et seq)*** ikkonferma illi l-attur qatt ma kien klijent tal-bank.

***Lorraine Attard in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc, xehdet nhar it-13 ta' Lulju 2023 (vide fol 481 et seq)*** u spjegat illi l-attur kellu *savings account* li inghalaq fil-25 ta' Gunju 2019, u ma nfetah l-ebda kont iehor wara dan.

***Dr Marita Pillow in rapprezentanza ta' FCM Bank xehdet nhar it-13 ta' Lulju 2023 (vide fol 483 et seq)*** u spjegat illi l-partijiet qatt ma kellhom relazzjoni bankarja mal-bank.

***Louis Buhagiar in rapprezentanza tal-JobsPlus xehed nhar it-13 ta' Lulju 2023 (vide fol 485 et seq)*** u pprezenta l-*jobsplus employment history* tal-attur (vide dok LB1).

***Dr Christopher Spiteri in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed nhar it-13 ta' Lulju 2023 (vide fol 487 et seq)*** u esebiet lista ta' vetturi li huma fil-prezent registrati fuq isem l-attur u kif ukoll lista ta' vetturi lif il-passat kienu registrati fuq isem l-attur. (vide dok CS1-CS2).

***P.L. Gerald Bonello in rapprezentanza tal-MeDirect Bank Malta plc xehed nhar it-13 ta' Lulju 2023 (vide fol 489 et seq)*** u spjega illi l-attur qatt ma kien klijent tal-bank.

***Marta Albarran Martin in rapprezentanza ta Multitude Bank, xehdet nhar it-13 ta' Lulju 2023 (vide fol 491 et seq)*** u spjegat illi l-attur mhuwiex klijent tal-bank.

***Vanessa Bonello in rapprezentanza tal-Lombard Bank Malta plc xehdet nhar it-13 ta' Lulju 2023 (vide fol 493 et seq)*** u spjegat illi m'hemm l-ebda kontijiet f'isem l-attur.

***Melissa Mamo in rapprezentanza tal-Malta Stock Exchange xehdet nhar it-13 ta' Lulju 2023 (vide fol 495 et seq)*** u spjegat illi l-attur m'ghandu l-ebda *securities* irregistrati maghhom.

***Johanna Bartolo in rapprezentanza tal-BOV Bank plc xehdet nhar it-13 ta' Lulju 2023 (vide fol 497 et seq)*** u spjegat illi nstabu erba' (4) kontijiet f'isem l-attur, u fosthom tnejn minnhom huma *legal fees accounts*, u *loan account*. Spjegat illi saru proceduri permezz tal-ittra ufficjali ai termini tal-166A minhabba l-*loan account* li kien infetah fis-sena 2008 kontra l-attur. Illi l-ahhar deposit li kien hemm sar f' Otturbu tas-sena 2020 u l-bilanc rimanenti pendenti huwa fl-ammont ta' EUR 5607.30. (Vide Dok JB 1-JB 3.)

***Kevin Scerri in rapprezentanza ta' Merkanti Bank xehed nhar it-13 ta' Lulju 2023 (vide fol 500 et seq)*** u spjega illi ma nstabu l-ebda kontijiet fuq isem l-attur lanqas ma' terzi.

***Sharon Delic in rapprezentanza ta' FinBank plc, xehdet nhar it-13 ta' Lulju 2023 (vide fol 502 et seq)*** u spjegat illi l-attur qatt ma kellu kontijiet mal-bank la f'ismu u lanqas ma' terzi.

***Dr Patrizia Salerno, in rapprezentanza tal-APS Bank plc prodotta mill-intimata nhar is- 27 ta' Lulju 2023*** spjegat illi ma kien hemm l-ebda *loans* f'isem l-attur, illi pero' instabu *current account* li infetha f'Gunju tas-sena 2019 u ghadu miftuh, *savings account* li infetha ukoll f'Gunju tas-sena 2019 u ghadu miftu. Ix-xhud esebiet sensiela ta' *emails*, li jindikaw li l-attur kellu bzonn ihallas xi flus minn *chasers* fi hdan il-*branch* li jsegwi lill-attur. Ziedet illi l-attur kien qieghed johrog cekkijiet, mill-*personal account* tieghu u kien qieghed johroghom bhala *refer to drawer* minhabba li ma kienx hemm bizejjed flus. Illi mill-bank bdew jghidulu biex jaghmel *deposits*. Illi l-attur beda jiddeposita l-ammonti necessarji, pero kien hemm okkazzjonijiet fejn xorta gew ikkancellati u c-*cheque book* lahaq thassar. Ix-xhud ikkonfermat

illi l-e-mail provdut mill-attur kien rentyourroominmalta@gmail.com (Vide Doks APS1-APS 3)

***Claudette Fenech in rapprezentanza tal-Malta Business Registru, prodotta mill-intimata nhar is- 27 ta' Lulju 2023***, u kkonfermat illi l-attur huwa involut fil-kumpanija G2 Management Company Limited bin-numru ta' registrazzjoni 93596, u huwa indikat bhala direttur, azzjonist, segretarju, u rapprezentant tal-kumpanija. Kull ma gie registrat kien il-memorandum u m'hemm l-ebda *annual returns*, u ghalhekk l-attur mhuwiex *compliant* stante li ma gewx prezentata l-*annual returns* u l-*accounts*. Ix-xhud tikkonferma illi nhargu penali kontra l-attur minhabba dan. Tikkonferma illi hemm prassi illi jekk persuna tibqa' inadempjenti, minn naha tal-MBR jistghu jmexxu bl-istralc.

***Av. Richard Galea Debono in rappresentanza ta' Sparkasse Bank Malta plc xehed permezz ta' affidavit (vide fol 707)*** u kkonferma illi l-attur qatt ma kellu relazzjoni bankarja mal-bank.

***Dr Patricial Salerno in rapprezentanza tal-APS Bank Malta plc prodotta nhar is-17 ta' Ottubru 2023 (vide fol 729A et seq)*** esebiet sitt (6) *cheque images*. Spjegat ukoll illi kien hemm avviz da parti tal-bank sabiex ma jinharigx *cheque book* iehor lill-attur u dana peress li l-attur kien qieghed johrog xi cekkijiet izda ma kellux bizzejjed fondi. Il-bank kellu notamenti illi l-attur kien qieghed jahdem fuq bazi *self-employed* fil-bejgh u kiri tal-propjeta'. Izzid illi kien ukoll mandat ta'sekwestru da parti tal-GO u da parti ta'certu Kurt Zerafa kontra l-attur. (Vide Dok PS1)

***L-intimata prodotta nhar l-20 ta' Novembru 2023 (vide fol 730A et seq)*** spjegat illi hi iltaqghet mal-attur fis-sena 2009/2010 u wara tlett snin, kienet harget tqila bil-minuri. Illi meta l-minuri kellu hames (5) xhur ir-relazzjoni taghhom intemmet. Illi qabel ma kellhom lill-minuri, kienu ddecidew li jikru flat izda kienet indunat illi mal-gurnata ma kienx qieghed jahdem, imma mal-lejl kient jilghab il-*poker, snooker* u billard. Illi f'dan iz-zmien indunat li kien qieghed jigdbilha meta kien qalilha li kien qieghed jqahdem fil-kostruzzjoni, tibjid etc. rigward spejjes sakemm kienu qieghdin jghixu flimkien, kienu jaqsmu kollox nofs bin-nofs. Illi meta kien jirritorna minn barra, kien ikollu riha ta' *alcohol*. Tishaq illi kienet ommha li kienet tiehu hsieb lit-tarbija, kienet tmur ghandhom kuljum, u filfatt kienet ukoll ommha li wara li temmew ir-relazzjoni taghhom li kienet issajrilha ghaliex ma kienx ikollha bizzejjed flus biex txitri l-ikel ghaliha ukoll. Izzid illi kien hemm kwistjonijiet ma' omm l-attur ghaliex kienet possessiv hafna fuq it-

tarbija taghha. Illi l-minuri twieled b'AVM *malformation*. Illi l-attur kien ukoll jallega illi t-tarbija mhux tieghu. Illi l-access beda meta l-minuri kellu madwar sena. Tikkonferma illi l-attur qatt ma ghadda manteniment izda kien ihallas sehemu mill-ispejjes. Tishaq illi l-minuri hafna mill-hin jithalla ma' omm l-attur waqt l-access tal-attur. Izzid illi l-attur ibiddel il-*partner* regolarment, jieklu hafna *take aways*, ma kienx iqum biex iwassal lill-minuri ghall-attivtajiet extra-kurrikulari.

Spjegat illi l-minuri mhuwiex kuntent bl-arrangament, u qieghed jispicca jinsa l-kotba ghand missieru jew ghand nantu, jew ghand ommu u dan apparti l-giri tal-attivitajiet extra-kurrikulari. Izzid illi l-minuri jghidilha illi biex jippreferi joqghod id-dar maghha milli minghalih sejjer ghand missieru u jispicca ghand nantu. Tishaq illi l-minuri ghandu bzonn rutina, u l-fatt li kull jumejn jorqod x'imkien differenti qieghed jezawrixxi lill-minuri. Tixhed illi meta telghu Londra ghall-operazzjoni, il-missier tilef it-titjira, u kellu jaqbad titjira ohra. Isostni illi l-kura wara l-operazzjoni kienet tiehu hsieb kollox hi. Spjegat illi l-attur m'ghandux kontijiet il-bank minhabba l-kwistjonijiet legali ta' huh, u kien jigri bi flus kontanti u bil-*credit card* tat-tfajla tieghu, izda kien hemm drabi fejn kien hallas hu sakemm kienu Londra - bhal ikel, u anke gugarelli ghall-minuri sakemm kien qieghed l-Isptar.

Tixhed illi minn dak li rat tul is-snin, jidher illi n-negozju tal-attur mhuwiex wiehed regolat. Illum xtara *farmhouse* ix-Xghajra, u qieghed jikri binijiet individwali lil haddiema tal-Bolt, u fis-sajf jikri l-istess *farmhouse* ghal ricevimenti.

***Miriam Farrugia Grech, Kap tal-iskola Santa Anna Marsascala, xehdet nhar il-11 ta' Dicembru 2023, (vide fol 742 et seq)*** u spjegat illi l-minuri kien gie registrat fis-sena 2013 minn entrambi genituri, u l-attendenza hija wahda regolari, u il-granet meta falla kienu minhabba ragunijiet medici anke minhabba l-operazzjoni li ghamel il-minuri. Ziedet illi t-tifel huwa rispettus, jahdem, sakemm kien qieghed imsiefer minhabba l-operazzjoni, ix-xoghol baqa' jsir u m'hemmx problemi ta' komunikazzjoni mal-genituri.

***Dr Alison Gauci in rappresentanza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku xehdet nhar is-6 ta' Dicembru 2023 (vide fol 736AA23)*** u ezebit in-nota relattiva ghall-att pubbliku li fih kien involut l-attur. (Vide Dok AG1)

***Stephania Calafato Testa in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qorti Kimrinal xehdet nhar is-6 ta' Dicembru 2023(vide fol 736AA20 et seq)*** u spjegat illi mir-ricerka li saret ma rrizulta xejn kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati u kif ukoll il-Qrati Superjuri. Spjegat illi jekk l-attur kien involut f'xi kawzi sommarji, dawk bdew jigu registrati tul l-ahhar sena, sentejn.

***Karen Falzon in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, xehdet nhar is-6 ta' Dicembru 2023 (vide fol 736U et seq)*** u spjegat illi rrizultaw hames (5) mandati kontra l-attur. Mistoqsija jekk jitilghux records rigward parti relattivi ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja, ix-xhud indikat illi suppost dawn jitilghu fis-sistema. (vide dok KF1)

***Jospeh Debono in rapprezentanza tal-Kummissjarju tat-Taxxi xehed nhar is-6 ta' Dicembru 2023 (vide fol 736X et seq),*** u prezenta *tax payer registration form, non filer statement* ghas-sena bazi 2013,2014, 2015 u 2016, izda ma nstab xejn rigward is-sena 2017. Illi fl-istatement ghas-sena 2018, l-attur iddikjara *trading income,* u kirja kif ukoll spejjes u indikat *net profit* ta' EUR 15,583. (vide dok JD1-JD 13)

***Leonette Mansueto in rapprezentanza tal-APS Bank plc Paola Branch xehdet nhar is-6 ta' Dicembru 2023 (vide fol 736E et seq),*** spjegat illi b'referenza ghac-cekk fl-ammont ta' EUR 12,118.64, ix-xhud ikkonfermat illi dan ic-cekk gie depozitat, u li dan ic-cekk huwa indirizzat lill-attur u huwa *bank draft* tal-Bank of Valletta u ghalhekk m'ghandhomx informazzjoni ghax mahrug direttament mill-BOV. Issa bhala korrispondenza mal-attur, ix-xhud spjegat illi ntbaghtulu xi emails biex jaghmel id-depoziti necessarji u dan peress li kien hemm xi cekkijiet li gew ritornati, izda qatt ma rcevew risposti lura. Ix-xhud esebiet ukoll il-*client profile* tal-attur. Ix-xhud tikkonferma illi kienu talbu prova li l-attur huwa *self employed* bhal *VAT certificate* etc u l-kuntratt bhala prova tal-introjtu dikjarat mill-attur. (Vide Dok LM 1 u LM 2)

***Andrew Xuereb in rapprezentanza tal-Awtorita' tad-Djar prodott nhar is- 6 ta' Dicembru 2023 (vide fol 736A et seq),*** spjega illi l-Awtorita' tad-Djar bdiet tirregistra l-kirjiet mill-ewwel ta' Jannar tas-sena 2020. **Ix-xhud esebixxa madwar sebgha u tmenin (87) il-kuntratt, liema kuntratti gew accettati mill-Awtorita'. (Vide Dok AX1 kumplessivament).**

***AL, omm l-intimata, xehdet nhar il-11 ta' Dicembru 2023, (vide fol 745 et seq)*** u spjegat illi l-attur minn dejjem kien ikun dejjem rieqed matul il-gurnata, u qatt ma hadem. Minkejja li kien jghidilhom illi jahdem fil-gebel mal-kuntratturi, dejjem rieqed id-dar kienet issibu matul il-

gurnata. Meta kellhom lill-minuri, kienet bintha li kienet tohorg tahdem filwaqt li l-attur kien imur jilghab loghgob tal-azzard mal-lejl. Tixhed illi l-minuri jghidilha fuq il-*partners* ta' missieru, u t-tfal ta' dawn il-*partners*, kull darba li jiggieled ma' xi hadd minnhom, pero l-minuri jghidilha illi huwa jixtieq li jkollu dar tieghu. Tispjega illi bintha llum ma tghix maghha ghaliex tghix mal-*partner* taghha, pero hija x-xhud li tigbor lill-minuri mill-iskola u joqghod maghha sakemm isir il-hin biex tiehdu ghand ommu.

Xehdet rigward episodju minnhom fejn l-attur biex jimpika maghha ma rritornax lill-minuri ghandha u dan minkejja li l-minuri ried immur ghandha ghaliex l-attur kien hallih wahdu. Izzid illi l-intimat regolarment jittardja biex jigbor lill-minuri. Tirrileva illi l-attur ma'ghandux hinijiet, u m'ghandhux regoli, l-attur ma jahdimx u ma jafx x'igifieri li wiehed jahdem. Tixhed ukoll illi l-minuri qieghed jghid li hu qisu *gypsy*, u ma toghgobhiex din il-kwalita' ta' hajja. Tixhed illi hi thobbu hafna lill-minuri anke peress li trabba maghha. Tikkonferma illi l-minuri ma jkunx ecitat biex imur ma' missieru u jmur ghax bilfors.

***L-intimata nhar il-11 ta' Dicembru 2023 (vide fol 751 et seq)*** u b'referenza ghad-dokumentazzjoni minnha esebit a fol LA1, spjegat illi hemm *screenshots* minn konversazzjonijiet mal-minuri fejn talabha illi tigbru minghand in-nanna, ohrajn ta' kontijiet relattivi ghall-spejjes inkorsi ghall-minuri, u anke dokumentazzjoni relattiva ghall-familja tal-attur.

***L-intimata permezz ta' affidavit ulterjuri (vide fol 814 et seq. dok LAX1)*** fejn inter alia rrilevat illi r-rutina tal-access imposta mill-attur mhiex fl-ahjar interess tal-minuri, u li t-terapista Dr Ingrid Galea infurmata illi l-minuri qieghed jimmanifesta certu pressjoni meta jkun ghand l-attur jew man-nanniet paterni u ghalhekk kien qieghed ihossu ma jiflahx mar-ritorna tieghu lura d-dar tal-omm.

***Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali xehed nhar it-18 ta' Dicembru 2023 vide fol 842 et seq)*** u esebixxa dokumentazzjoni relattiva ghall-beneficcji percepiti mill-intimata u kif ukoll d-dokumentazjoni relattiva ghall-beneficcji percepiti mill-attur li tindika illi l-attur qatt ma percepixxa beneficcji socjali. (Vide STX 1 u STX 2)

***Jalaram Kiribhai Valand in rapprezentanza ta' Chemie Tech Malta Limited xehed nhar it-18 ta' Dicembru 202 (vide fol 831 et seq),*** spjega illi kumpanija kellha ftehim ta' kirja ta'

proprjeta mal-attur bejn is-sena 2018 u 2021. Ikkonferma illi l-hlasijiet kollha li sar mill-kumpanija lill-attur huma relattiva ghal dan il-kuntratt ta' kiri. Ix-xhud spjega illi matul is-snin bdew jikru iktar minn appartament wiehed u ghalhekk il-kuntratti esebiti jindikaw id-diversi appartmenti li kienu jinkrew mill-kumpanija minghand l-attur. Zied illi l-hlasijiet kienu jsiru permezz ta' cekkijiet jew *direct transfer* f'ammont ta' mija u sittin elf euro (€160,000) ghas-snin fuq indikati. Ix-xhud jikkonferma illi fil-prezent m'ghadx ghandhom ftehim ta' kirja mal-attur peress li l-progett taghha gie konkluz u l-haddiema ritornaw l-India.

***Joseph Debono in rapprezentanza tal-Kummissjarju tat-Taxxi ri-prodott nhar il-11 ta' Jannar 2024, u b'kontinwazzjoni mat-testimonjanza tieghu tas-6 ta' Dicembru 2023 (a fol 736X et seq),*** spjega illi kienu inhargu zewg "letters to pay" mid-Dipartiment biex l-attur ihallas t-taxxa ghas-sena 2018 u 2019. Illi l-penali imposti kienu thallsu. Illi mid-Dipartiment tal-VAT informaw lix-xhud illi hemm EUR 21,664.47 rapprezentanti penali u interessi dovuti mill-attur. (Vide dok JD14 u JD 15)

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza dwar minn mill-partijiet ghandu jigi vestitit bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri iben il-partijiet ZG li twieled nhar is- 6 ta' Frar 2013 u dana kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid a fol 7 tal-atti.

***Fir-rigward il-kura u l-kustodja tal-ulied***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa***

[1] Enfazi tal-Qorti.

***vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[3]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[5]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[7]

[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[7] Enfazi tal-Qorti.

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: **Miriam Cauchi vs Francis Cauchi** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[8] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti***

[8] Enfazi tal-Qorti.

***hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

***Fir-rigward il-Manteniment ghall-Ulied.***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ ***Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996)*** deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu involuti f'relazzjoni intima u li minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri ZG nhar is-6 ta' Frar 2013 u llum ghandu hdax- (11) il sena. Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu pruvaw jilhqu ftemim, liema ftehim ma kienx gie awtorizzat minn dina l-Qorti minhabba li ma kienx hemm qbil dwar residenza primarja tal-minuri.

Mit-testimonjanzi in atti jirrizulta illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet giet terminata meta l-minuri kellu inqas minn sena. Din il-Qorti rat illi z-zewg genituri, tul il-perkors taz-zmien, intraprendew relazzjonijiet ma' terzi, u anke jghixu ma'  tali terzi. Illi pero', tul il-medda tas-snin, il-minuri iben il-partijiet qatt ma kellu residenza primarja fissa. Illi kif indikat sopra, din il-Qorti tosserva illi l-proceduri odjerni inbdew mill-attur missier. Rat illi Dr Keith Borg u Dr Rebeca Mercieca, l-avukati difensuri tal-attur kienu irrinunzjaw ghall-patrocinju tal-istess attur fl-10 ta' Ottubru 2022 *(vide fol 542),* b'dana illi sussegwentement jidher illi l-attur ma ingagga l-ebda avukat iehor. **Illi filfatt, l-ahhar darba li l-attur deher quddiem din il-Qorti kif preseduta kien fl-1 ta' Gunju 2022**, u cioe qabel mal-avukati imsemmija rrinunzjaw ghall-patrocinju tal-istess. Illi sussegwentement din il-Qorti **fl-udjenza tal-31 ta' Mejju 2023 din il-Qorti ddikjarat maghluqa l-istadju tal-provi tal-attur (vide verbal a fol 460 et seqq.)**. Rat ukoll illi fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2024 **din il-Qorti akkordat lill-attur il-fakolta' li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fi zmien gimghatejn izda wkoll baqa' inadempjenti.**

Din il-Qorti qiset id-disinteress totali da parti tal-attur lejn il-prosegwiment u ezitu ta'proceduri legali intavolati minnu. Illi minkejja dak kollu li xehed l-attur fil-konfront tal-intimata omm, hija l-fehma konsiderata ta'din il-Qorti illi l-attur missier qatt ma ta' priorita' lill-interessi ta' ibnu u uzah biss bhala arma kontra l-intimata omm u l-familja taghha. Tul il-mori tal-proceduri, din il-Qorti filfatt rat kif ir-rutina imposta mill-attur, issarfet f' hajja minghajr sembjanza ta' rutina u stabbilita' ghall-minuri, u l-effett ta' dan kollu huwa rifless fl-ansjeta li qieghda titrawwem fil-minuri, b'dana illi l-minuri qieghed kull darba ihossu ma jiflahx wara li jkun qatta' hin mal-missier. Illi fortunatament, il-minuri minkejja kollox, baqa' ffukat l-iskola u kif ukoll fl-attivitajiet extra-kurrikulari intraprizi minnu.

L-ghan finali ta proceduri li jirrigwardaw il-kura u kustodja tal-minuri hu li l-Qorti tal-Familja, bhala arbitru finali, tassigura il-benessere totali tal-minuri involuti u dana wara li r-relazzjoni bejn il-genituri tkun giet terminata. Illi tul il-mori din il-Qorti osservat illi minkejja dak kollu allegat mill-attur u l-familjari tieghu,  l-attur qeghed l-interessi tieghu ferm qabel il-benessere tal-minuri u dan il-ghaliex qatt ma gharaf x'inhuma l-htigijiet reali tal-minuri. Din il-Qorti

tosserva illi l-provi prodotti mill-attur kienu fil-maggiorparti taghhom iffokati fuq l-allegati nuqqasijiet tal-intimata bhala omm. Il-Qorti tinnota pero illi l-intimat ma ppresenta ebda prova indipendenti ta' dawn il-cosi detti nuqqasijiet serji. Din il-Qorti rat illi mill-1 ta' Gunju 2022 'l hawn, l-attur tilef kull interess fl-andament tal-proceduri odjerni, u kien indifferenti ghall-ahhar dwar l-ezitu tal-kwistjoni tal-kura u kustodja ta' ibnu minuri ZG. Dan ma jipperswadix lill-Qorti illi l-attur huwa, anke b'xi mod remot, herqan li jidhol ghal responsabilita' tal-kura u kustodja esklussiva ta' ZG flimkien mar-responsabbilita' giornaljeri li ggib maghha residenza primarja ta' tifel minuri. Din il-Qorti hija iktar inklinata illi tqis illi l-attur intavola dawn il-proceduri aktar b'pika mal-intimata u biex jehles mir-responsabbilita' finanzjarja ta' ibnu.

Maghdud ma' dan, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-versjoni tal-intimata hija wahda iktar verosimili u cioe: li l-attur dejjem kien genitur inaffidabli, karatteristika li tirrizulta mill-aktar mod car mid-disinteress totali tal-attur lejn l-ezitu ta' dawn il-proceduri; il-fatt li minkejja li l-attur dejjem obliga ruhhu li jipprezenta d-dokumentazzjoni ghad-dhul tieghu, naqas ripetutament li jaghmel dan; in-nuqqas ta' xoghol permanenti u stabbli daparti tal-attur; il-loghob tal-azzard tul iljieli shah da parti ukoll tal-attur bil-korrispondenti irqadt tieghu matul il-jum. Di piu', it-traskuragni tal-attur immanifestat ruhha ampjament meta l-attur sahansitra tilef it-titjira ghall-Ingilterra meta l-minuri kien ser jidhol ghall-operazzjoni serja barra minn Malta, fatt li jirrizulta mill-messaggi skambjati f'*group chat* intiz ghall-membri tal-familja tal-partijiet u l-minuri; u l-infieq tal-flus mghotija lilu minn orginazzjonijiet karitattevoli fuqu nnifsu minflok fuq il-htigiejiet tal-minuri. Fil-verita' il-Qorti tifhem illi ZGdejjem gie kkurat minn ommu, min-nanna maternal u min-nanniet paterni (li ghalihom il-minuri ghandu affezzjoni kbira) u mill-tfajlet jew *partners* tal-attur **izda certament mhux mill-attur.**

Din il-Qorti taghraf illi tul tfulitu kollha, il-minuri **qatt** ma kellu residenza primarja, ghaliex minn zmien ghal zmien "id-dar tieghu" kienet tinbidel perjodikament u cioe' gieli tkun ir-residenza tan-nanna paterna, jew dik tal-missier u t-tfajliet diversi tieghu, u dik tan-nanna materna. Illi huwa propju ghalhekk li din il-Qorti kif preseduta dejjem tishaq illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-minuri jkollhom residenza primarja fissa, spazju rekonoxxut li joffri sens ta' appartenenza u sigurta, haga li dan il-minuri dejjem gie mcahhad minnha. Illi dak li ghandu bzonn il-minuri issa huwa stabbilita' u permanenza, specjalment issa li ser jibda l-fazi tal-adolexxenza.

Illi hija l-fehma konsiderata ta'din il-Qorti illi din l-istabbilita' tista biss tipprovdiha l-intimata omm, u ghalhekk din il-Qorti tordna illi l-intimata omm ghandha tkun vestita bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, b'dana illi l-intimata ghandha tiehu dawk id-decisjonijiet kollha, kemm ordinarji u kif ukoll straordinarji li jirrigwardaw s-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri, u kif ukoll qieghda tigi awtorizzata tapplika u ggedded il-passaport tal-minuri minghajr il-htiega tal-firma, kunsens u/jew presenza tal-attur missier. Illi di piu din il-Qorti tordna illi r-residenza primarja u fissa tal-minuri ghandha tkun mal-omm, b'dana illi l-missier ghandu jkollu access ghall-minuri darbtejn fil-gimgha, kull nhar ta' Erbgha minn wara l-iskola, fejn l-attur jew membri tal-familja tal-attur ghandhom jigbru lill-minuri b'dana illi l-minuri ghandu jigi ritornat lura r-residenza tal-omm sas-6:30pm, waqt li fil-weekend, din il-Qorti tordna illi l-minuri ghandu jkollu *sleepover* fuq bazi alternata darba mill-Gimgha ghas-Sibt minn wara l-iskola, sat-15:00 tas-Sibt u darba mis-Sibt mit-15:00 ghall-Hadd sat-15:00. **Dan l-i*sleepover* ghandu jsehh fid-dar tan-nanniet paterni.** Illi l-access ghandu jirrispetta l-esigenzi akkademici u l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri, stante li ormai il-minuri wasal biex jibda l-iskola sekondarja.

Illi din il-Qorti taghmilha cara illi l-minuri m'ghandux ikun espost ghal terzi, sakemm ir-relazzjoni tal-genituri, partikolarment tal-missier, ma' dawn it-terzi persuni, tkun wahda stabbli u duratura. Illi x-xewqat tal-minuri f'dana r-rigward ghandhom jigu rispettati anke tenut kont tal-eta' tal-minuri.

Fir-rigward manteniment, din il-Qorti rat id-dokumentazzjoni relattiva ghall-introjtu tal-attur missier prodotta mill-intimata (Vide Dok LI esebit mall-ahhar affidavit tal-attrici u Dok AX esebiet mix-xhud Andrew Xuereb in rappresentanza tal-Awtorita tad-Djar) u dan minkejja li l-attur naqas mill-jipprovdi tali dokumentazzjoni, u tordna illi l-attur ghandu jigi ordnat jivversa manteniment fl-ammont ta' EUR 600 fix-xahar, liema somma tinkludi ukoll sehem l-attur mill-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri. Illi dana l-ammont ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja u ghandu jizdied ghal EUR 700 fix-xahar meta l-minuri jkollu tlettax (13)- il sena. Illi din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita' li l-attur ikun impjegat ma' xi dattur tax-xoghol, dan ghandu jinqata' direttament mis-salarju tal-attur, u /jew minn kwalsiasi beneficcji socjali jew pensjoni li l-attur jista' jkun qieghed talvolta jircievi, minflok permezz ta' standing order. B'dana illi ghandu jigi depozitat f' kont bankarju indikat mill-intimata.

Illi *di piu* din il-Qorti tordna illi l-attur ghandu jirrifondi lill-intimata sehemu mill-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari akkumulati tul il-mori tal-proceduri u dana kontra ricevuti. Tordna ukoll illi kwalsiasi beneficcji statatli li l-minuri u/jew l-intimata jistghu jkunu intitolati ghalihom ghandu jigu percepiti mill-intimata.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tichad it-talbiet kollha hekk kif dedotti fir-rikors promotur tal-attur u l-eccezzjonijiet tieghu fir-risposta guramentata tieghu ghall-kontro-talba;**
2. **Tilqa' it-talbiet kollha tal-intimata rikonvenzjonanta hekk kif dedotti fil-kontro-talba taghha u:**
   i. **Tordna illi l-intimata omm ghandha tkun vestita bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, b'dana illi l-intimata ghandha tiehu dawk id-decisjonijiet kollha, kemm ordinarji u kif ukoll straordinarji li jirrigwardaw s-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri, u kif ukoll qieghda tigi awtorizzata tapplika, ggedded u tigbor il-passaport tal-minuri minghajr il-htiega tal-firma, kunsens u/jew presenza tal-attur missier;**
   ii. **Tordna illi r-residenza primarja u fissa tal-minuri ghandha tkun mal-omm;**
   iii. **Tordna illi l-missier ghandu jkollu access ghall-minuri darbtejn fil-gimgha u cioe' kull nhar ta' Erbgha minn wara l-iskola, fejn l-attur jew membri tal-familja tal-attur ghandhom jigbru lill-minuri mill-iskola u jirritornaw lill-minuri lura r-residenza tal-omm sas-6:30pm u sleepover fil-weekend fuq bazi alternata darba mill-Gimgha ghas-Sibt minn wara l-iskola sat-15:00 u darba mis-Sibt mit-15:00 ghall-Hadd sat-15:00. Dan l-*isleepover* jsehh fid-dar tan-nanniet paterni. Illi l-access ghandu jirrispetta l-esigenzi akkademici u l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri, stante li ormai il-minuri wasal biex jibda l-iskola sekondarja;**
   iv. **Tordna lill-attur jivversa manteniment fl-ammont ta' EUR 600 fix-xahar, liema somma tinkludi ukoll sehem l-attur mill-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri. Dan il-manteniment mensili ghandu jithallas mill-attur permezz ta' *standing order*, f'kont bankarju tal-ghazla tal-intimata. Illi dana l-ammont ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja u ghandu jizdied ghal EUR 700 fix-xahar meta l-minuri jkollu tlettax (13)- il sena u jithallas ukoll permezz ta' *standing order*. Dan il-manteniment ghandu jithallas sakemm il-minuri jkollu tlieta u ghoxrin (23) sena jekk ikun ghadu qed jistudja full-time. Illi din il-Qorti**

**tordna illi fl-eventwalita' li l-attur ikun impjegat ma' xi dattur tax-xoghol, dan il-manteniment ghandu jinqata' direttament mis-salarju tal-attur, u /jew minn kwalsiasi beneficcji socjali jew pensjoni li l-attur jista' jkun qieghed talvolta jircievi, minflok permezz ta'** ***standing order,*** **b'dana illi ghandu jigi depozitat f' kont bankarju indikat mill-intimata;**

v. **Tordna illi l-attur ghandu jirrifondi lill-intimata sehemu mill-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari akkumulati tul il-mori tal-proceduri kontra ricevuti;**

vi. **Tordna ukoll illi kwalsiasi beneficcji statali li l-minuri u/jew l-intimata jistghu jkunu intitolati ghalihom ghandu jigu percepiti mill-intimata.**

**L-ispejjes kollha ghandhom ikunu a karigu tal-attur.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**